# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 17 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 4/96**

**Numru 30**

**Philip Scicluna**

**vs**

**Maria Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta' Lm234.70 (mitejn u erba u tletin lira Maltin u sebghin centezmu) import ta' diversi cheques mill-konvenuta mahruga liema cheques ma gewx onorati.

Bl-ispejjes tal-avviz, tal-ittra tas-17 ta' Ottubru, 1995 bl-imghax legali bit-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta u li biha eccepiet (fol 20 tal-atti):-

Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju,l-attur qatt ma avvicina lill-konvenuta biex taghmel xi hlas u lanqas ma l-konvenuta qatt giet notifikata b'xi ittra ufficjali. Konsegwentement anke jekk jirrizulta li l-ammont huwa dovut zgur, li l-konvenuta m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi a basi ta' dak verbalizzat a fol 41 tal-atti, l-istess Qorti, l-ewwel sejra, f'kap separat, tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-istess eccezzjoni gew konsiderati s-segwenti sabiex tigi decisa:

a) Il-konvenuta xehdet (fol 25 tal-atti) illi 'Jien ma ghandi l-ebda idea dwar l-ammont involut' waqt li qalet li kienet irceviet ebda '…… ittra ta' kwalunkwe xorta biex nhallas l-ammont inkwistjoni'.

b) Daparti tieghu l-attur (a fol 31 u 36 tal-istess atti) ikkonferma li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut u dan in konnessjoni ma bejgh ta' frott. Dwar dan hu semma' illi l-konvenuta kienet harget favur tieghu hames (5) 'cheques' liema 'cheques', pero', ma gewx msarrfin mill-bank involut. Dawn ic-'cheques' jinsabu annessi mal-atti (a fol 38) u minnhom jidher li erba' minnhom gew 'referred to drawer' waqt li iehor,kif xehed l-attur ma kienx gie msarraf ghax kien gie informat 'li ma kienx hemm flus'. In rigward dati ta' maturita', hemm specifikati l-20 ta' Jannar 1995, 19 ta' Jannar 1995, 30 ta' Jannar 1995 u t-13 ta' Frar 1995 waqt li wiehed minnhom jidher li hu minghajr data izda gie 'referred to drawer' fid-9 ta' Jannar 1995.

c) Hu minnu li f'dan il-kaz ma giex pruvat li l-attur, ippresenta ittra ufficjali kontra l-konvenuta. Jigi notat, dwar dan, li fl-avviz tissemma' biss ittra tas-17 ta' Ottubru 1995. Pero l-avviz in esami

gie presentat fil-5 ta' Jannar 1996. Koncess ghal grazzja tal-argument l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz hu dak eccepiet mill-konvenuta, jidher evidenti li, bejn id-dati ta' maturita' tal-istess 'cheques' u d-data tal-presentata tal-avviz in esami, ma skadewx tmintax il-xahar, kif qed tallega l-konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi a basi tal-premess l-istess Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta mill-konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi,in rigward l-ammont pretiz fl-avviz, jidher evidenti li l-istess ammont ghadu dovut sallum.

Illi, inoltre l-istess Qorti ma tistax tara kif tista, ghal xi raguni legali tilqa t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad, ukoll, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm234.70 bl-imghax legali mill-

5 ta’ Jannar 1996 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-17 ta’ Ottubru 1995.

Alan Calleja
Dep.Reg